MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 614/2006/1

**Rantasa Herman u Dr. Mircheva Jordanka u b' nota tas-27 ta' April 2007 l-Avukat Dr. Neville Camilleri accetta li jirrapprezenta lil Herman Rantasa u Dr. Mircheva Jordanka fl-atti ta' l-appell**

**vs**

**Kevin Buttigieg u JK Properties Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Ottubru, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz ipprezentat fl-20 ta' Lulju, 2006 fejn gie mitlub illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' disgha mija tlieta u erbghin lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm943.44)

> rapprezentanti danni illi sofrew l-atturi minhabba nuqqas, liema ammont mitlub mill-atturi jirrapprezenta danni illi huma sofrew minhabba agir minn naha tal-konvenuti meta naqqsu illi jikkonkludu weghda ta' bejgh tal-fond numru 17/11 Portomaso, San Giljan;
>
> Ra illi l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.
>
> Sema' u kkonsidra x-xhieda moghtija illum stess mill-Avukat Dr Neville Camilleri ghan-nom tal-atturi fejn ikkonferma illi l-ammont ta' danni sofferti mill-atturi ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.
>
> Ghaldaqstant ghal ragunijiet hawn fuq permessi, t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-istess atturi s-somma ta' disgha mija tlieta u erbghin lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm943.44) bl-imghaxijiet legali u dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha a karigu ta' l-istess konvenuti."

L-appell taz-zewg konvenuti fil-kontestazzjoni tas-sentenza tat-Tribunal hu bazat fuq dawn l-aggravji:-

(1) It-talba attrici hi nulla u bla effett legali stante li meta gie ipprezentat l-Avviz l-atturi kienu assenti minn Malta;

(2) It-Tribunal ma setax jghaddi biex jilqa' l-istess talba merament fuq il-konferma bil-gurament ta' l-Avukat difensur ta' l-atturi li l-ammont tad-danni sofferti kien ghadu dovut;

(3) In-nuqqas ta' risposta ghat-talba u n-nuqqas ta' presenza taghhom fl-udjenza hu spjegat mill-fatt gustifikativ illi, billi kien hemm kawza ohra pendenti bl-

istess mertu identiku, huma dehrilhom li dik odjerna kienet l-istess kawza;

(4) It-Tribunal, anke fil-kontumacja taghhom, kien fid-dmir li jezamina jekk it-talba kienetx probatorjament sorretta;

Forsi hu xieraq qabel kollox illi l-Qorti tindirizza l-impostazzjoni generali dwar l-appellabilita` tad-decizjoni sollevata mill-atturi fit-twegiba ta’ l-appell taghhom. Dawn isostnu illi jekk l-appell ma jkunx jaqa’ taht xi wahda mill-ipotesijiet elenkati fl-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380, l-appell hekk intavolat ghandu jitqies irritu u null. Evidentement, huwa manifestament car illi lill-appellati sfugga ghal kollox id-dispost tas-subinciz (3) ta’ l-istess Artikolu 8 li jipprovdi ghad-dritt ta’ l-appell fil-kazijiet kollha fejn, kif inhu l-kaz hawnhekk, l-ammont in kwestjoni jaqbez il-hames mitt lira (Lm500). Dan bl-aggunta introdotta bl-Att XXXI ta’ l-2002. Isegwi li d-decizjonijiet minnhom citati, risalenti qabel id-dhul fis-sehh ta’ dan l-Att, ma jistghux iservu ta’ ghajnuna ghalihom ghall-iskop ta’ dan l-appell;

Fil-kaz ta’ l-ewwel aggravju, apparti li mill-atti nfushom ma jirrizultax illi l-atturi kienu hekk assenti meta gie pprezentat l-Avviz, u apparti li l-meru suspett ta’ l-appellanti li dawn hekk kienu ma jaghmelx ic-certezza guridika li trid il-ligi, jokkorri li jigi mfakkar illi huwa gurisprudenzjalment pacifiku illi l-Qrati taghna applikaw certa liberalita` ta’ gudizzju f’ kazi simili ghal kaz li l-assenza tkun wahda temporaneja. Kif ritenut, “dan in omagg ghall-gustizzja sostanzjali u kontra l-formalizmu esagerat” (“**Tabib Dr. Joseph Ellul -vs- Jos. G. Coleiro**”, Appell Civili, 24 ta’ Jannar 1964). Kemm allura ghal din ir-raguni kombinat ma’ l-Artikolu 9 (3) tal-Kapitolu 380, kif ukoll ghan-nuqqas ta’ raguni serja li tikkonvinci lill-Qorti dwar l-assenza ta’ l-atturi fil-mument tal-prezentata ta’ l-Avviz, l-aggravju fuq dan il-punt qed jigi skartat;

Ghall-mument il-Qorti ser tanalizza t-tielet aggravju, anke ghaliex jidhrilha li t-tieni wiehed, minhabba l-konnessjoni evidenti tieghu mar-raba’ aggravju, jista’ jigi ezaminat konguntement ma’ dan;

Jidher li dan l-aggravju hu intiz ghal gustifikazzjoni da parti ta’ l-appellanti ta’ l-istat kontumacjali taghhom quddiem it-Tribunal. Issa kif taraha din il-Qorti, il-kontumacja taht il-Kapitolu 380 ma taghmilhiex in-nuqqas ta’ risposta bil-miktub tal-konvenuti daqskemm in-nuqqas ta’ komparizzjoni personali tal-konvenuti fl-udjenza. Dan hu sew indott mid-dispost ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-Att, senjatament is-subinciz (b) tieghu li jipprovdi li jekk il-konvenut jonqos li jidher il-Gudikatur jista’ jiddeciedi l-kawza anke fl-assenza tieghu. In bazi ghal dan li nghad, anke jekk kieku stess l-appellanti kienu mfixkla bil-fatt ta’ zewg azzjonijiet fuq l-identiku meritu, dik il-konfuzjoni ma kellhiex tinducihom biex huma ma jidhrux fl-udjenza stabbilita indikata lilhom fin-notifika ta’ l-Avviz. Jekk xejn, biex jispjegaw lit-Tribunal proprju dak issa minnhom sottomess fir-rikors ta’ l-appell. Dak in-nuqqas ta’ presenza taghhom fil-proceduri, hekk impellenti fuqhom bl-artikolu tal-ligi surreferit, ma jistax, u ma ghandux fil-fehma tal-Qorti, jiggustifika l-kontumacja taghhom, hekk ragonevolment kolpuza. Anke allura dan l-aggravju qed jitqies inattendibbli;

Logikament, l-istitut kontumacjali ma jgibx b’ konsegwenza l-ammissjoni tal-fatt dedott u lanqas ma ghandu jkun ikkonsidrat bhala inkontestat mill-konvenuti. Anzi, dak l-istess fatt, kostitutiv tat-talba, ried dejjem ikun provat mill-atturi ghax fuqhom kien jaggrava l-oneru tal-prova tieghu;

Hu preskritt mill-Artikolu 558, Kapitolu 12 illi “kull prova ghandha tkun rilevanti ghall-kwestjoni fil-kawza bejn il-partijiet”. L-istess ligi procedurali tipprovdi wkoll illi “l-Qorti ghandha tichad li tingieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija zejda, jew li jidhrilha li mhix l-ahjar

prova li l-parti tista' ggib" [Artikolu 560 (1)]. Dan premess, l-atti juru illi l-unika prova mressqa kienet dik tax-xhieda ta' l-avukat difensur ta' l-atturi fejn dan iddikjara li mill-informazzjoni ottenuta minghand il-klijenti tieghu l-ammont reklamat kien ghadu dovut. Ara deposizzjoni tieghu fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2006;

L-appellanti jobbjettaw bit-tieni u r-raba' aggravju taghhom b' dawn is-sottomissjonijiet:-

(1) It-Tribunal ma kellux jilqa' t-talba attrici merament fuq ix-xhieda guramentata ta' l-Avukat ta' l-atturi;

(2) Tali xhieda ma kellhiex titqies prova sufficcjenti u gustifikativa;

(3) Dik il-prova kienet tmiss lill-istess atturi jekk dawn kienu prezenti f' Malta, u mhux ukoll lill-Avukat, mandatarju taghhom;

Naturalment, kif mistenni l-appellati jirribattu illi l-Avukat difensur kellu kull dritt li jikkonferma ghan-nom taghhom li l-kreditu rizarcitorju kien ghadu insodisfatt u li din il-prova kienet tibbasta biex it-Tribunal jippronunzja ruhu fuq it-talba dedotta;

Il-Qorti tistqarr li dan il-punt ippreokkupaha xi ftit kemm ghaliex tqis li xhud, anke jekk stess il-mandatarju ta' l-atturi, m' ghandux jigi ammess jiddeponi meta hu nnifsu jkun estraneju ghal kollox ghar-rapport guridiku sostanzjali dedott fil-gudizzju, kif ukoll ghaliex dik ix-xhieda tieghu, f' din id-data cirkostanza, ma tistax titqies dik "l-ahjar prova" li jippreciza l-Artikolu 560 (1) tal-Kodici ritwali;

Hi wkoll, in parentesi, il-fehma personali ta' din il-Qorti illi, sa fejn possibbli, Avukat ghandu jiddezisti milli jiddisponi, bix-xhieda tieghu, mid-drittijiet tal-klijenti tieghu relattivament ghall-oggett tal-kontroversja. Il-mandat lilu

konferit certament jabilitah li jaghzel il-kondotta processwali tal-kawza u li jadotta s-sistema ta’ difiza li hu jirritjeni l-aktar korrispondenti ghall-interessi tal-patrocinati tieghu izda mhux ukoll li tillegittimah jixhed fuq fatti li taghhom, personalment, ma ghandu ebda konoxxenza diretta, ankorke dan jaghmlu biex isostni fil-gudizzju r-ragunijiet tat-talba, jew ta’ l-eccezzjoni, tal-klijent tieghu;

Ferm dan il-hsieb, din il-Qorti, ciononostante dak affermat b’ mod generali kwantu ghall-“ahjar prova” bhala principju regolatur in materja ta’ provi taht l-ordinament procedurali taghna fil-Kapitolu 12, ma tistax tinjora d-disposizzjonijiet tal-ligi specjali.  Senjatament, l-Artikolu 9 (2) subpara. (b) ta’ l-Att V ta’ l-1995 li jiddisponi li l-Gudikatur “**ghandu jitgharraf b’ kull mod li jista’ jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista’ jasal biex jaqta’ l-kaz li jkun qed jitratta.**”  Ikollu jinghad illi konsiderat taht din l-ottika tal-ligi partikolari, il-gudizzju tat-Tribunal, hekk bazat fuq ix-xhieda ta’ l-Avukat difensur ta’ l-atturi, ma jistax jitqies li jiddifetta fid-dritt jew li l-liberu konvinciment tieghu jitqies vizzjat minn valutazzjoni diskrezzjonali errata.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------